

**Domandi preliminari**

- 1) Id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jstabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' permess ta' residenza permanenti fi Stat Membru jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' standstill fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tad-19 ta' Settembru 1980 dwar l-Iżvilupp tal-Assoċjazzjoni, adottata mill-Kunsill tal-Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim tal-Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmit f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 mir-Repubblika ta-Turkija, minn naħa, u mill-Istati Membri tal-KEE u l-Komunità, min-naħa l-oħra, li għe konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE<sup>(1)</sup> tat-23 ta' Diċembru 1963?
- 2) Fil-każ affermattiv, il-fatt li l-kundizzjonijiet temporali għall-ksib ta' permess ta' residenza permanenti fi Stat Membru jkunu iktar onerużi (jiġifieri, li r-rekwiżiti minimi meħtieġa fir-rigward tat-tul ta' żmien ta' residenza preċedenti u ta' impjeg preċedenti tal-barrani fl-Istat Membru jsiru iktar onerużi), jista' jitqies bħala xieraq sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni b'suċċess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi?

<sup>(1)</sup> L-isem ta' din il-kawża huwa fittizzju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSvea Hovrätt, Patent- och marknadsöverdomstolen (l-Isvezja) fil-15 ta' Ġunju 2023 – Guldbrev AB vs Konsumentombudsmannen**

**(Kawża C-379/23, Guldbrev)**

(2023/C 296/25)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

**Qorti tar-rinviju**

Svea hovrätt, Patent- och marknadsöverdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Guldbrev AB

Konvenut: Konsumentombudsmannen

**Domandi preliminari**

- 1) F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-valutazzjoni u x-xiri ta' deheb minn konsumatur huma prodott (prodott kombinat) fis-sens tal-Artikolu 2(c),(d) u (i) kif ukoll tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, il-valutazzjoni tad-deheb hija, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, prodott fis-sens tad-Direttiva 2005/29?

<sup>(1)</sup> ĠU 2005, L 149, p. 22, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 86.

---

**Appell ippreżentat fil-5 ta' Lulju 2023 mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla Estiża) fis-26 ta' April 2023 fil-Kawża T-557/20, Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni vs Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

**(Kawża C-413/23 P)**

(2023/C 296/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) (rappreżentanti: D. Nardi, T. Zerdick, P. Candellier, X. Lareo, G. Devin, aġenti)

Parti: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

### Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha;
- tiddeċiedi definittivament il-kawża;
- tikkundanna lis-SRB iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, l-appellant jinvoka ż-żewġ aggravji li ġejjin:

L-ewwel aggravju: Interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament 2018/1725<sup>(1)</sup> kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja peress li rrikjediet li l-KEPD jevalwa jekk l-informazzjoni inkwistjoni fil-kawża kinitx data personali mill-perspettiva tad-destinatarju u billi naqset milli tagħti kunsiderazzjoni għall-kunċett ta' psewdonimizzazzjoni.

It-tieni aggravju: Interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(2) u tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament 2018/1725 billi naqset milli tiegħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' responsabbiltà u billi ddeċidiet li l-KEPD jmissu pproduċa provi li SRB kien effettivament anonimizza d-data personali li kien qed jipproċessa.

---

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).